# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 348/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Philip Zahra**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Philip Zahra, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 111372M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fl-24 ta' Novembru, 2013 ghal habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar (03:00pm):-

1. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' l-Onor. Dr. Joseph Mario Sammut LL.D MP persuna inkarigata skont il-ligi

minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra Onor. Dr. Joseph Mario Sammut LL.D MP persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

3. aktar talli minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-Onor. Dr. Joseph Mario Sammut LL.D. MP;

4. aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma bil-ponta (sikkina) minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija biex izomm tali arma;

5. aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied;

6. aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra l-persuna tal-Onor. Dr. Joseph Mario Sammut LL.D MP;

7. aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Onor. Dr. Joseph Mario Sammut LL.D MP;

8. aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'vettura tal-ghamla Subaru numru ta' registrazzjoni ABL 949, ostakola il-passagg liberu ghal vetturi ohra;

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija tiprovdi ghas-sigurta tal-Onor. Dr. Joseph Mario Sammut LL.D MP jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuni leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat (Art. 412C Kap 9 tal-Kodici Kriminali) ukoll sabiex tiprovdi ghal garanzija tal-Onor. Dr. Joseph Mario Sammut LL.D MP skond artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

9. akkuzat aktar talli rrenda ruhu recediv b'sentenza li saret definittiva u li ma tistax tinbidel.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-22 ta' Gunju, 2015 li biha sabet lill-appellant mhux hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), u l-hames (5) imputazzjoni u illiberatu minnhom, izda sabitu hati tat-tielet (3), ir-raba' (4), is-sitt (6), is-seba' (7) u t-tmien (8) imputazzjoni w ikkundannatu komplessivament ghal piena ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur. Oltre dan ikkundannatu ihallas multa ta' mitejn Ewro €200.00. Il-Qorti ordnat hrug ta' Protection Order ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi projbiet u irrestringiet lill-appellant milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuna offiza u cioe' l-Onorevoli Dr. Joseph Sammut ghall-perjodu ta' sentejn;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Philip Zahra, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Lulju, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** fil-parti fejn kien dikjarat mhux hati tal-ewwel (1), it-tieni (2) u l-hames (5) il-imputazzjoni, filwaqt li **thassarha u tirrevokaha** fil-parti fejn sabitu hati cioe' it-tielet (3), ir-raba' (4), is-sitt (6), is-seba' (7) u t-tmien (8) il-imputazzjoni u tiddikjarah mhux hati u konsegwentement tilliberah

kompletament skond il-Ligi. **Alternattivament** thassarha fil-parti tal-piena billi minflok tkun imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz anke meta jigi kkunsidrat il-mard li jbaghti bih l-imputat;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

**Nullita' tas-sentenza appellata:**

1. Illi minn ezami tal-atti processwali, din il-Qorti tosserva illi meta l-appellant tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kellu jwiegeb ghall-tmien imputazzjonijet u ghall-addebitu tar-recidiva. L-ewwel Qorti kkunsidrat u ddecidiet biss seba mill-imputazzjonijiet u l-addebitu tar-recidiva u naqset milli tippronunzja ruhha dwar l-imputazzjoni li hedded lil Onor. Dr. Joseph Mario Sammut LL.D., M.P. igifieri dik ravvizata fl-artikolu 339(1) (e) tal-Kodici Kriminali;
2. Din il-Qorti qeghda *marte proprio* tissolleva n-nullita' tas-sentenza appellata ghaliex Qorti ma tista' qatt tiddisponi minn kawza minghajr ma tippronunzja ruhha dwar l-akkuzi jew imputazzjonijiet kollha. Dan jammonta ghall-nuqqas ta' formalita' sostanzjali ex artikolu 377 u 382 Kapitolu 9 kif assodat fil-gurisprudenza - ara per ezemplari **Il-Pulizija vs Carmel Mifsud** App Krim tas-6.7.2007, **Il-Pulizija vs Joseph Brown** App Krim 31.5.12 u **Il-Pulizija vs Robert Farrugia**

App Krim 19.11.2015). L-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-ligijet ta' Malta jipprovdi illi:

> **Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.**

3. L-ewwel Qorti ghalhekk naqqset milli tosserva formalita' sostanzjali billi ma kkonsidratx wahda mill-imputazzjonjiet dedotti kontra l-appellant, konsegwenza ta' liema din il-Qorti qed tiddikjara s-sentenza nulla u ser tghaddi biex tiddeciedi hi stess l-kawza mill-gdid;

4. Opportunament ikun mfakkar illi meta l-Qorti tghaddi biex terga tisma l-kawza mill-gdid fuq il-mertu, is-smiegh isir biss fuq dawk l-imputazzjonijiet li dwarhom kienet instabet htija (u f'dan il-kaz dwar dik li baqghet mhix deciza) u mhux fuq dawk l-imputazzjonijiet li minnhom kien hemm liberatorja. (**Il-Pulizija vs Karmenu Attard** App Krim 28.4.1995). Illi ghalhekk fil-konsiderazzjonijiet taghha din il-Qorti mhix ser tippronunzja ruhha dwar l-ewwel, it-tieni u l-hames imputazzjonijiet;

5. Konsegwenza ukoll ta' smiegh mill-gdid f'dan l-istadju, huwa l-principju li l-aggravji tal-appellant fir-rikors tal-appell tieghu issa jitqiesu bhala sottomissjonijiet dwar il-fatti akkolti u/jew il-principji legali dibattibbli skond il-kaz (**Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech** – App Krim 10.9.2007);

6. Il-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw rapport maghmul mill-Onorevoli Dr. Joseph Sammut fit-23 ta' Novembru, 2013 fl-Ghassa tal-Pulizija dwar sewwieq ta' vettura li meta waqaf magenb dik tal-kwerelant, nizel ghalih b'sikkina, aggredieh u kkawzalu offiza ta' natura hafifa. Ghal dan l-incident hemm zewg verzjonijiet u din il-Qorti ser tghaddi biex taghmel rassenja taghhom;

7. Dr. Joseph Sammut xehed illi dakinhar kien qed isuq dirett lejn attivita’ politika f’Bugibba u meta waqaf fuq it-*traffic lights* li hemm fejn il-Luxol Grounds innota li vettura ohra kienet qed tostakolalu l-karreggjata. Is-sewwieq ta’ din il-vettura, injot ghal Dr. Sammut, nizel u gie hdejn il-kwerelant b’sikkina f’idu ta’ xi hames jew sitt pulzieri u tleqq u rrimarkalu li kien mignun li jaghmel hekk quddiem membru parlamentari. Fil-pront, l-appellant tah daqqa ta’ ponn fuq xofftejh u qallu “issa gawdi la inti membru parlamentari” u telaq ‘l hinn. Il-kwerelant baqa’ sejjer l-Ghassa ta’ San Giljan u ghadda n-numru tal-vettura tal-aggressur lill-Pulizija;

8. L-appellant xehed illi appena qabel l-ewwel set ta’ *traffic lights* fi triq ta’ Sant. Andru, vettura li kienet warajh petpitlu d-dawl meta kien fuq ix-xellug tat-triq. Malli wasal mat-tieni dwal u waqaf fuq l-ahmar dejjem fuq ix-xellug tat-triq, il-vettura ta’ warajh dahlet fuq il-Bus Stop fuq ix-xellug tieghu u s-sewwieq b’rabja qallu biex iwarrab minn nofs u kellmu hazin b’mod li pprovokah. L-appellant nizel biex jara ghaliex is-sewwieq kien offendieh u staqsieh “xi tridni naghmel, nghaddi minn fuq il-karozzi?”, hatfu mill-ewwel mill-gakketta u rassu mal-bieba u mart l-appellant li kienet passiggiera, nizlet biex tipprova tehilsu. L-appellant ma kienx jaf min hu l-kwerelant u bil-mara bezghana baqa’ sejjer lejn Bahar ic-Caghaq. Huwa ma sofra ebda offizi izda martu kellha gerha meta ppruvat tigbdu biex tehilsu mill-hakma tas-sewwieq;

9. Josette Zahra, mart l-appellant xehedet illi qabel waqfu fuq id-dawl, vettura ta’ warajhom kienet qed iddoqq il-horn u meta waqqfet fuq ix-xellug taghhom, is-sewwieq beda joffendihom u zewgha nizel mill-vettura irrabbjat. Meta s-sewwieq hataf lil zewgha mill-gakketta b’kemm kellu sahha, nizlet mill-karozza, irnexxielha tehilsu u ezaltatu li jkomplu fi trieqthom ghaliex kienu bezghana. Bhal l-appellant, din ix-xhud qalet li ma ghamlu l-ebda rapport lill-Pulizija dwar dan l-

incident u li kienu l-Pulizija li ghamlu kuntatt ma' zewgha biex ikellmuh;

10. Skond certifikat mediku konfermat bil-gurament mit-tabiba li ezaminat lill-kwerelant irrizulta li sofra offiza fuq il-persuna tieghu konsistenti fi "*bruising – swelling upper – lower lip lateral right margins. 1cm laceration under upper lip*".

11. Minn dak appena rikapitat, huwa inkontestat illi kien l-appellant illi hareg mill-vettura tieghu sabiex jara ghaliex, skond hu l-kwerelant kien qed joffendieh. L-fatti l-ohra huma kontestati u dwarhom hemm verzjoni kontrastanti kif gia sommat fid-deposizzjoni tax-xhieda principali. Tajjeb li jinzamm fil-mira il-principju importanti li "*mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux*" (**ara Pulizija vs Joseph Thorne App. Krim., 9.0703** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et Qrt. Krim 19.10.2006** fost diversi ohrajn). Din il-Qorti ma ghandhiex il-vantagg li kellha dik tal-ewwel grad li tisma hi u tara *de viso* il-komportament tax-xhieda u ghalhekk il-gudizzju taghha huwa rez xi ftit aktar difficili. Minkejja dan, huwa evidenti illi mhux normali li persuna taqbad u twaqqaf il-vettura taghha u tinzel biex thebb ghall-sewwieq iehor ghall-ebda raguni aktar u aktar meta dak is-sewwieq ma huwiex mgharuf lill-appellant;

12. L-appellant kien urtat minhabba li fehem illi s-sewwieq ta' wara kien ilu jteptiplu d-dawl. Kienet x'kienet ir-raguni, l-appellant ghazel illi joltrepassa il-linja ta' rimostranza ghal liema kull bniedem huwa tenut u dan billi hareg mill-vettura tieghu u mar fid-direzzjoni tal-kwerelant. Meta l-kwerelant ra f'idejn l-appellant, dik li ghalih kienet sikkina, rreagixxa billi fetah il-bieba fuq l-appellant li da parti

tieghu tah daqqa ta' ponn. Il-verzjoni tal-appellant li kien l-kwerelant li qabdu mill-gakketta u kellha tkun martu li tehilsu hija wahda inattendibbli aktar u aktar meta dawn tal-ahhar jghidu illi l-appellant qatt ma ta daqqa ta' ponn lill-kwerelant. L-aggravju tal-appellant li hemm divergenza bejn id-deposizzjoni tas-Surgent li ha r-rapport u l-Ispettur Prosekutur hija *de minimis*, ta' konsegwenza zghira u bazata fuq dak li s-Surgent kien rrakkonta lill-Ispettur dak li kien irrakontalu l-kwerelant;

13. Din il-Qorti ma ghandha ebda dubju dwar li kien l-appellant li holoq ostakolu fit-triq, nizel mill-vettura tieghu, hebb ghall-kwerelant u kkagunalu offiza ta' natura hafifa kif ukoll hebb ghall-kwerelant sabiex jheddu u jingurjah. Issa, dwar il-pussess ta' arma (sikkina minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, fl-ewwel lok ma hu ta' ebda konfort ghall-appellant li jghid li ma nstabet ebda sikkina meta saritlu tfittxija. Fit-tieni lok, l-kwerelant kien kategoriku meta qal li ra lill-appellant javvicina l-vettura tieghu b'arma f'idejh, b'sikkina. Pero', fl-ahhar tad-deposizzjoni tieghu jghid hekk: "*Nghid li l-incident gara ta' malajr ghaliex huwa telaq jigri 'l hemm. Mistoqsi kif kienet l-arma in kwistjoni, nghid li kienet arma, speci ta' sikkina, nahseb li kienet tal-bahar, ghax kienet tleqq tal-istainless steel. Nghid li dejjem kienet xi erba' jew hames pulzieri*". L-incertezza li wera l-kwerelant fid-deskrizzjoni ta' dik li hu haseb li kienet arma, minghajr xi fattur rassikuranti iehor u tenut li kollox gara fi ftit sekondi, certament ghandu jnissel dubju li jmur favur l-appellant;

14. Kwantu l-imputazzjoni numru 7, dik li ngurja jew hedded lill-kwerelant, ma rrizultatx li l-appellant b'xi mod hedded jew ingurja lill-parti leza li da parti tieghu jghid li l-aggressur qal xi haga izda kien mohhu fl-arma li kellu. Din l-imputazzjoni ghalhekk ma tirrizultax pruvata;

15. Ghal dawn ir-ragunijiet, filwaqt illi tikkonferma s-sjebien ta' nuqqas ta' htija tal-appellant kwantu l-ewwel, it-tieni, u l-hames

imputazzjoni, ma ssibux hati tar-raba u s-seba' imputazzjoni u tillberah ukoll minnhom. Wara li rat l-artikolu 49, 50, 221, 339 (1)(d) tal-Kapitolu 9 u l-artikoli 68 u 74 tal-Ligi Sussidjarja 65.11 ssibu hati tat-tielet, is-sitt u tmien imputazzjoni u wara li rat is-sentenza Dok SM1, issibu hati ukoll tal-addebitu tar-recidiva;

16. Kwantu ghal-piena, din il-Qorti rat ir-rapport tas-Social Worker, semghet id-deposizzjoni taghha kif ukoll tal-Psikjatra Dr. Joseph Mifsud minn fejn jemergi illi l-appellant huwa afflitt minn kundizzjoni msejha affective disorder u li kien riferut ghall-kura psikjatrika proprju ftit zmien qabel dan l-incident. Minn dakinhar huwa ircieva l-kura u ghadu jircievi kura u terapija u jidher illi jinsab ferm u ferm ahjar. Din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tinoltra dwar ir-ragunijiet li taw lok ghal-kundizzjoni tal-appellant izda tinnota li huwa qieghed jindirizza l-istess b'success anke bis-sostenn tal-familja tieghu. Din il-Qorti hi tal-fehma illi r-reati kommessi mill-appellant jimmeritaw piena karcerarja izda fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi specjali, jidher li din tista' tkun ta' aktar hsara ghall-kundizzjoni tal-appellant.

17. Ghal dawn il-motivi, wara li kkonsidrat illi s-sorveljanza tal-hati minn ufficcjal tal-probation hija mixtieqa fl-interess li tkun assikurata r-rijabilitazzjoni tal-hati u, li jkun protett il-pubbliku minn xi dannu li jista jaghmel il-hati jew li jkun prevenut l-eghmil ta' reati ohra, tqieghed lill-appellant taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sentejn (2) mil-lum fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta u oltre dawk l-ordijiet u struzzjonijiet li jista' l-ufficcjal tal-probation jidhirlu/jidrilha xieraq li jkunu mposti, din il-Qorti tordna li dawn ghandhom jinkludu viziti fi klinika psikjatrika u li l-ufficcjal tal-probation ghandu jinforma lil-Qorti bl-andament tal-hati f'perjodu ta' sitt xhur;

18. Tordna inoltre il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni fit-termini tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u tiprojbixxi u tirristringi lill-Philip Zahra milli javvicina bi kwalunkwe mod u mezz jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Dr. Joseph Sammut ghal perjodu ta' sentejn (2) mil-lum.

19. Il-Qorti ghaddiet biex tfiehem fi kliem car lill-appellant l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.